# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 3**

**Rikors numru 317/14/2 FDP**

**Jane Carabott**

**v.**

**Supretendent tas-Saħħa Pubblika u Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. L-attriċi, li sal-2008 kien ilha s-snin taħdem bħala infermiera ġewwa l-Isptar San Luqa, tilmenta li mingħajr raġuni valida jew ġustifikazzjoni ngħatat trasferiment għall-klinika tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u mbagħad trasferiment ieħor għall-Isptar Monte Carmeli, u li wara pressjoni mill-*union* (MUMN) u anke bl-intervent tal-*Ombudsman* fid-dawl

taċ-ċirkostanzi partikolari familjari tagħha reġgħet ġiet trasferita l-klinika tal-ajruport. Tilmenta li fiż-żewġ postijiet kienet ġiet assoġġettata għal kundizzjonijiet ta' xogħol inaċċettabbli, u li wara li ġiet trasferita l-klinika tal-ajruport it-tieni darba spiċċat assoġġettata għal abbuż fiżiku, morali u psikoloġiku (inkluż fastidju sesswali) mill-ħaddiema l-oħra u wkoll mis-superjuri tagħha. Hija għalhekk fil-15 ta' April 2014 ipproċediet b'din il-kawża għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni konsegwenzjali (materjali u personali) sofferti minnha.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' €7,000 li ġie illikwidat minnha *arbitrio boni viri* bħala danni *in linea* ta' *lucrum cessans* biss. Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.

3. Iż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni.

(a) Fl-20 ta' Lulju 2021 sar **appell prinċipali** mill-attriċi fejn talbet lil din il-Qorti:

> *"…tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla billi l-intimati jiġu dikjarati responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti kemm damnum emergens kif ukoll dawk lucrum cessans,* (u) *konsegwentement tvarja l-ammont ta' danni sofferti mill-appellanti billi tillikwida l-ammont aktar in linea tad-danni minnha sofferti, u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onor. Qorti jidhriliha xierqa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

(b) u fl-10 ta' Awwissu 2021 sar **appell inċidentali** mill-konvenuti fejn

<u>talbu lil din il-Qorti:</u>

> *"…tħassar is-sentenza appellata datata 30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet premessi fejn din laqgħet it-talbiet attriċi f' dak li għandu x'jaqsam id-danni materjali u personali lir-rikorrenti tat-tip "lucrum cessans" biss, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` mħarrka, hawn appellata."*

4. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:-

"**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' April 2014, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

*"Illi rikorrenti ilha għal snin twal impjegata bħala infermiera f'diversi gradi mall-intimati jew min minnhom. Illi għall-itwal parti mill-karriera tagħha, u ċioe' għal oltre minn ħmistax-il sena konsekuttivi, r-rikorrenti kienet stazzjonata l-Fairyland Ward ġewwa l-Isptar San Luqa. Hawnhekk, tul il-ħmistax-il sena kollha li hija ħadmet hemmhekk, hija dejjem offriet servizz mill-aqwa, eżemplari u fuq livell ta' eċċellenza, tant illi hija kienet addirittura sawret għaliha nnifisha reputazzjoni mill-aqwa mal-pazjenti u familjari tagħhom u l-membri tal-pubbliku in ġgenerali li kienu jattendu fl-imsemmi ward u li xi darba jew oħra kienu ngħataw servizz mir-rikorrenti.*

*Illi minkejja dak suespost, fis-sena 2008, mingħajr ebda spjegazzjoni u wisq anqas mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew raġuni valida, hija ġiet infurmata mis-superjuri tagħha ġewwa l-Isptar San Luqa b'mod mill-aktar goff, irregolari u nieqes minn kull tip ta' formalita' illi hija kellha b'effett immedjat titrasferixxi ruħha għax-xogħol ġewwa l-klinika tal-Malta International Airport. Jingħad li dan it-transfer sar b' mod goff, il-għaliex li ġara kien li ġurnata fost l-oħrajn hija kienet ippreżentat ruħha għax-xogħol kif is-soltu kienet tagħmel biss biex hekk kif irrapurtat għax-xogħol fil-Fairyland Ward, hija ġiet ordnata sabiex immedjatament tmur tirraporta l-klinika tal-Malta International Airport minflok u dan mingħajr ebda pre-avviż preċedenti. Ovvjament dan minnu nnifsu kien ġua wirja ta' kemm kien irregolari dak li kien qed issir u li probabbilment kien motivat ben differentement minn kif ried jagħti l-impressjoni l-intimat.*

*Illi tant kien irregolari t-transfer suriferit illi in effetti minn naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa ħadd ma' kien infurmat b' ebda mod dwar l-istess u konsegwetement l-istess dipartiment beda jirreżisti u jirrifjuta li jirrikonoxxi formalment tali transfer fuq il-premessa illi l-istess dipartiment ma' kienx irċieva informazzjoni dwar dan formalment.*

*Illi in konsegwenza ta' dan l-istat ta' limbu burokratiku li sabet ruħha fih ir-rikorrenti intortament hija sabet ruħha fil-posizzjoni ridikola u*

*assurda illi kienet qiegħda tirraporta għax-xogħol kuljum fil-klinika tal-Malta International Airport mingħajr ma' hija kellha l-'pass' li kien neċessarju għaliha sabiex taċċedi għall-post tax-xogħol, u addiritura mingħajr uniformi u dan kollu għaliex it-taqsima l-ġdida li fiha ġiet ordnata tmur taħdem mis-superjuri tagħha baqgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu t-transfer peress illi l-file tagħha baqa' mhux trasmess minn dipartiment għall-ieħor li tagħhom kienu responsabbli l-intimati.*

*Illi jekk dak suespost ma' kienx suffiċjentement gravuż, in konsegwenza ta' dak hawn fuq premess, u ċioe' li l-file tagħha baqa' ma ġiex trasmess minn dipartiment għall-ieħor, ir-rikorrenti ma' bdiet tirċievi ebda informazzjoni dwar is-salarji u l-pagi tagħha.*

*Illi sussegwentement għal dan kollu, u ċioe' wara ċirca sebgħa xhur minn meta hija kienet trasferita għall-klinika tal-Malta International Airport, u mingħajr ma' kienet għadha ġiet riżolta s-sitwazzjoni tagħha, hjia ġiet għal darb' oħra trasferita, din id-darba għall-Isptar Monte Carmeli, fejn issa ġiet assoġġettata għall-ċirkostanzi u kundizzjonijiet ta' xogħol manifestament u esaġeratament inaċċettabbli. Għal darb' oħra l-motivazzjoni wara tali transfer kienet waħda ċertament ulterjuri għal dik li kienet qed tiġi avvanzata mill-intimati. Minkejja diversi lmenti da parti tar-rikorrenti dwar dan kollu, l-intimati ma' ħadu ebda passi jew miżuri sabiex jirrimedja.*

*Illi kien biss wara sena tiġi injorata u wara li r-rikorrenti rrikorriet għall-għajnuna tal-union tagħha, u ċioe' l-MUMN, illi wara ħafna pressjoni magħmula mill-istess union u bl-intervent tal-Ombudsman u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu [wara lment mressaq lilu], illi anki fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari familjari tar-rikorrenti hija ġiet trasferita lura l-klinika tal-Malta International Airport.*

*Illi pero', hekk kif ir-rikorrenti irritornat lura xogħol l-klinika tal-Malta International Airport hija bdiet tiġi issa assoġġettata hemm hekk għal forom varji ta' abbuż fuq il-post tax-xogħol mill-ħaddiema l-oħra kif ukoll mis-superjuri tagħha, liema abbużi kienu jvarjaw minn dawk fiżiċi għal dawk morali u psikoloġiċi.*

*Illi dawn l-abbużi, li kienu persistenti u kontinwi, waslu biex ir-rikorrenti kienet kontinwament tirraporta l-istess abbużi iżda dan kollu sar inutilment għaliex ebda azzjoni ma' kienet tittieħed in rigward mill-intimati jew min minnhom. Mhux hekk biss iżda ġara illi in konsegwenza ta' rapport partikolari fejn ġie allegat mir-rikorrenti fastidju sesswali li hija sofriet minn tabib partikolari, u wara li bdew proċeduri ta' inkjesta mill-bord tal-NCPE, illi r-rikorrenti spiċċat issa fil-mira ta' azzjonijiet kollużi bejn diversi membri tal-istaff mediku, lkoll intenzjonati sabiex jiddenigraw lill-istess protestanti.*

*KONSEGWENZI*

*Illi peress illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha huma inaċċettabli għar-rikorrenti partikolarment in vista tal-fatt illi dawn kollha seħħew fuq il-post tax-xogħol jew huma relatati mall-impieg tagħha li dwaru huma responsabbli l-intimati jew min minnhom, u peress illi in konsegwenza tal-istess hija soffriet u għada qed issofri danni konsiderevoli inkluż ukoll danni in konsegwenza għall-diżabilta' fiżika [psikoloġika] li hija*

*sofriet b' responsabbilta tal-intimati jew min minnhom, r-rikorrenti qiegħda issa żżomm lill-intimati responsabbli għall-istess danni u qed teżiġi r-riżarċiment relattiv dovut lilha.*

*TALBIET*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara illi l-intimati jew minn minnhom bl-azzjonjiet jew ommissjonjiet tagħhom suriferiti kkaġunaw danni materjali u personali lir-rikorrenti tat-tip damnum emrgens konsegwenza tat-telf tal-qliegħ regolari tagħha, kif ukoll tat-tip lucrum cessans in konsegwenza għad-diżabilta fuq il-persuna tagħha li hija bdiet issofri minnha in konsegwenza tal-azzjonijiet u ommissjonjiet tal-intimati jew min minnhom;*

*2. Tiddkjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għal dawk id-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*4. Tikkundana lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;*

*Bl-intimati minn issa nġunti in subizzjoni.*"

2. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2017 l-intimati Supretendent tas-Saħħa Pubblika u Uffiċjal Mediku tal-Gvern irrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

"*1. Illi l-persuna li tirrappreżenta l-intimati ma hijiex indikata fl-okkju u ċioe' t-Tabib Prinċipali għal Gvern (Saħħa Pubblika).*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni mir-rikorrenti hija karenta minn fundament ġuridiku stante li l-lanjanza ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' 'egħmil amministrattiv' ai termini ta' l-Artikolu 469A stante li din id-definizzjoni teskludi .... 'xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kemm il-grad tal-impjegata ma ġewx mittiefsa, u għaldaqstant t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*"

3. Rat illi fis-17 ta' Ġunju 2014 l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata.

**Provi:**

4. Rat ix-xhieda ta' **Colin Galea,** Segretarju Ġenerali tal-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN), mogħtija fit-8 (*recte:*18) ta' Novembru 2014 (fol 20).

5. Rat ix-xhieda ta' **Jane Carabott** mogħtija fit-3 ta' Frar 2015 (fol 28).

6. Rat ix-xhieda ta' **Martin Gaffarena**, ħu r-rikorrenti, mogħtija fit-12 ta' Mejju 2015 (fol 37).

7. Rat illi fit-12 ta' Mejju 2015 ġie nominat it-Tabib Anton Grech bħala Psikjatra sabiex jagħmel eżami psikjatrika tar-rikorrenti.

8. Rat ix-xhieda ta' **Miriam Agius**, omm ta' tifla illi kienet assistita varji drabi mir-rikorrenti, mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2015 (fol 43).

9. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2016, wara illi t-Tabib Anton Grech astjena mill-inkariku tiegħu, l-Qorti appuntat lit-Tabib Dr Nigel Camilleri bħala Psikjatra.

10. Rat ir-rapport tal-**Psikjatra Dr. Nigel Camilleri** ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2016 (fol 55).

11. Rat ix-xhieda ta' **Dr. Nigel Camilleri** mogħtija fid-9 ta' Jannar 2017(fol 70).

12. Rat ix-xhieda ta' **Georgina Calleja Farrugia**, omm ta' tifel illi ġie assistit mir-rikorrenti, mogħtija fl-1 ta' Marzu 2017 (fol 77).

13. Rat ix-xhieda tal-**Professur Simon Attard Montalto** mogħtija fis-6 ta' April 2017 (fol 80).

14. Rat ix-xhieda ta' **Olivia Camilleri Cortis**, Information & Communication Technology Officer fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mogħtija fis-6 ta' April 2017 (fol 81).

15. Rat ix-xhieda ta' **Sabina Drago,** Nurse kollega tar-rikorrenti, mogħtija fis-6 ta' April 2017 (fol 83).

16. Rat ix-xhieda ta' **Jimmy Attard,** Cleaner fl-Airport, mogħtija fis-17 ta' Mejju 2017 (fol 89).

17. Rat ix-xhieda ta' **Duncan Agius**, Senior Manager fis-Sezzjoni tal-Finanzi tad-Dipartiment tas-Saħħa mogħtija fis-17 ta' Mejju 2017 (fol 91) u d-dokumentazzjoni dwar salarju tar-rikorrenti ippreżentati minnu (fol 92 sa 106).

18. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Jane Carabott** mogħtija fit-28 ta' Frar 2018 (fol 111).

19. Rat illi fit-28 ta’ Frar 2018 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

20. Rat ix-xhieda ta’ **Dr John Attard Kingswell**, ġia Direttur tal-Environmental Health fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa, mogħtija fit-2 ta’ Mejju 2018 (fol 117).

21. Rat ix-xhieda ta’ **Carmelina Mifsud**, Assistant Principal fl-Isptar Mater Dei, mogħtija fil-15 ta’ Mejju 2019 (fol 146).

22. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Joseph Portelli Demajo**, Senior Port Medical Officer, mogħtija fis-27 ta’ Novembru 2018 (fol 153).

23. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fir-8 ta’ Ottubru 2019.

24. Rat illi fil-5 ta’ Frar 2020, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

25. Rat illi fil-5 ta’ Frar 2020 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

26. Rat illi n-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ġiet ippreżentata fl-14 ta’ Diċembru 2020 (fol 172).

27. Rat illi n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati ippreżentata fit-22 ta’ April 2021 (fol 187).

28. Rat illi fit-22 ta’ April 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

29. Jirriżulta li r-rikorrenti kienet ingaġġata mat-Tabib Prinċipali tal-Gvern bħala infermiera, fejn damet hekk impjegata u stazzjonata *f’Fairyland Ward* ġewwa l-Isptar San Luqa għal ħmistax-il sena.

30. Jirriżulta li fl-2008, is-superjuri tar-rikorrenti, mingħajr ebda spjegazzjoni, tawha trasferiment għall-klinika tal-Malta International Airport, u meta hija rrapurtat hemmhekk, il-klinika w d-dipartiment responsabbli għal tali klinika beda jirreżisti u jirrifjuta li jirrikonoxxi t-trasferiment, tant li r-rikorrenti ma kellhiex il-‘pass’ neċessarju biex taċċedi għall-post tax-xogħol.

31. Jirriżulta, di fatti, illi x-xhud Dr John Attard Kingswell, fix-xhieda tiegħu f’Ġunju 2018, ukoll ikkonferma li fil-klinika tal-Malta International Airport ma kienx hemm post vakanti għal ebda nurse u li r-rikorrenti ma kienx hemm bżonnha hemmhekk.

32. Jirriżulta illi, sussegwentement, wara sebgħa xhur mingħajr ma

kienet riżolta s-sitwazzjoni fil-klinika tal-ajruport, ir-rikorrenti ġiet darb' oħra trasferita, din id-darba għall-Isptar Monte Carmeli, fejn ġiet ordnata taħdem f'ċirkostanzi u kondizzjonijiet tax-xoghol inaċċettabbli għaliha.

33. Sussegwentement, wara sena fl-Isptar Monte Carmeli taħdem f'kundizzjonijiet mhux aċċettabbli għar-rikorrenti, permezz tal-intervent tal-Union tar-rikorrenti, ossija l-MUMN, u wara ħafna pressjoni minn naħa tal-Union, kif ukoll anke permezz tal-Ombudsman, ir-rikorrenti reġgħet ġiet trasferita lura ġewwa l-klinika tal-Malta International Airport.

34. Ir-rikorrenti allegat, madanakollu, illi fil-klinika tal-Malta International Airport, hija ġiet assoġġettata għal abbużi fiżiċi, morali u psikoloġiċi.

35. Jirriżulta, li l-espert nominat mill-Qorti, l-Psikjatra Dr. Nigel Camilleri ħejja r-rapport wara li eżamina lir-rikorrenti, li ddeskriva d-djanjosi tar-rikorrenti b' "*Adjustment Disorder with symptoms of emotion, predominantly anger and anxiety, in response to the alleged traumatic past and discrimination*." Huwa ddeskriva wkoll, fir-rapport tiegħu, dak rakkontat mir-rikorrenti dwar l-episodji trawmatiċi li għaddiet minnhom fuq il-post tax-xogħol.

36. Jirriżulta illi, fix-xhieda tiegħu, Dr. Nigel Camilleri ikkonferma li r-rikorrenti qed tbati minn ansjeta` u rabja minħabba l-avvenimenti li għaddiet minnhom, u wasal għall-ammont ta' ħamsa fil-mija (5%) diżabilità.

37. Ir-rikorrenti, permezz tal-proċeduri odjerni, qed tilmenta minn trasferiment inġust li kkawżalha stat ta' ansjeta`, konsegwenza tal-eventwalitajiet li għaddiet minnhom fuq il-lant tax-xogħol.

**Ikkunsidrat**

38. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob danni materjali u personali tat-tip *damnum emergens* u *lucrum cessans,* wara trasferimenti u konsegwenzi li sofriet fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt, ir-rikorrenti, qed tilmenta mill-fatt li fl-2008 hija rċeviet trasferiment għall-klinika fil-Malta International Airport, u konsegwentement trasferiment ieħor sussegwenti għall-Isptar Monte Carmeli, li ma kinux f'lokhom u bħala riżultat bdiet issofri minn diżabilità fuq il-persuna tagħha.

39. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati irrispinġew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi eċċepew li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li l-azzjoni tar-rikorrenti hija karenta minn fundament ġuridiku stante li l-lanjanza tagħha ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' 'għemil amministrattiv' ai termini tal-Artikolu 469A.

**Meritu tal-każ**

40. Ir-rikorrenti qed tikkontendi li t-trasferiment li hija ngħatat fl-2008 minn Fairyland Ward fl-Isptar San Luqa għall-klinika tal-Malta International Airport kien trasferiment mingħajr ebda ġustifikazzjoni u mingħajr raġuni valida.

41. Ir-rikorrenti issostni wkoll illi kien inġust ukoll li ntbagħtet ġewwa l-Isptar Monte Carmeli.

42. Finalment, issostni li, hekk kif reġgħet intbagħtet fil-klinika fil-Malta International Airport, sofriet abbużi fiżiċi, morali u psikoloġiċi.

43. Fis-sottomissjonijiet taghha, r-rikorrenti irreferiet għall-fatti dwar it-trasferimenti tagħha, kif issuċċedew, u sostniet li fil-lant tax-xogħol tagħha, sofriet diskriminazzjoni u intimidazzjoni filwaqt li għamlet referenza għall-ġurisprudenza nostrana, fosthom **Renato Spiteri vs Malta Freeport Terminals et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2007, fejn intqal, diversi drabi, li huwa obbligu ta' l-employer li jipprovdi 'a safe place of work', b'mod li għandu jsir dak kollu raġonevoli sabiex jeliminaw u jnaqqsu perikoli u riskji għall-ħaddiema.

44. Ir-rikorrenti, għalhekk, sostniet li fil-każ tagħha, ma ngħatatx 'a safe place of work' minn naħa ta' min kien iħaddimha. F'dan is-sens, irreferiet għar-rapport tal-espert nominat mill-Qorti, il-Psikjatra Nigel Camilleri, u d-deskrizzjoni dettaljata fir-rapport tiegħu, kif ukoll għal dak ikkonfermat fix-xhieda tal-Psikjatra Nigel Camilleri, li r-rikorrenti llum qed tbati minn ħamsa fil-mija (5%) diżabilità, konsegwenza tal-avvenimenti li għaddiet minnhom l-istess rikorrenti fuq il-post tax-xogħol.

45. Minn naħa l-oħra, l-intimati, fis-sottomissjonijiet, isostnu li l-azzjoni odjerna għandha l-fundamenti tagħha fl-Artikolu 466 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitratta proċedimenti għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern.

46. Il-Qorti ma tistax ma tesprimix t-tħassib tagħha dwar il-fatt illi, filwaqt li fl-eċċezzjonijiet l-intimati jirreferu għall-Artikolu 469A, fis-sottomissjonijiet issir referenza biss għall-Artikolu 466 tal-Kap 16, li huwa irrelevanti għall-aħħar għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. Fil-fatt, din il-Qorti tiddeplora dan in-nuqqas da parti tal-intimati.

47. Fis-sottomissjonijiet tal-intimati, ġie sostnut ukoll, li fil-kuntratt ta' ingaġġ tar-rikorrenti, kellha indikat li hija kellha taħdem diversi sigħat ta' xogħol b'mod li kellha tirċievi allowance, u jissemma' l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* li għandu jiġi irrispettat ladarba l-kuntratt ta' ingaġġ ġie ffirmat mill-partijiet u r-rikorrenti kienet konsapevoli tal-kontenut tal-kuntratt ta' ingaġġ.

48. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan l-argument huwa rrelevanti għall-kawża odjerna peress li l-ilment tar-rikorrenti u t-talbiet kif dedotti m'huma bl-ebda mod indirizzati lejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol kif stipulati fil-kuntratt ta' ingaġġ tagħha, iżda, kif diġà ingħad, l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa immirat lejn it-trasferiment għal klinika tal-Malta International Airport, per se, u t-trasferiment għal Monte Carmeli.

49. Din il-Qorti tissottolinea, li din hija kawża għad-danni '*sic et simpliciter'.* Għaldaqstant, dawn l-argumenti kollha fis-sottomissjonijiet tal-intimati mhumiex ta' relevanza ghall-każ in eżami.

50. L-Artikolu 1045(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha….hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

51. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti. Fil-karenza ta' dan in-ness bejn il-kawża u effett, ma jistgħu jingħataw l-ebda danni. Difatti, l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, issottomettew li dan in-ness bejn il-kawża u l-effett ma ġiex sodisfatt.

52. Minn naħa l-oħra, ir-rikorrenti ssostni li jeżisti n-ness bejn il-kawża u effett kif meħtieġ skont id-disposizzjoni tal-liġi suċitata stante, u fix-xhieda tiegħu datata 1 ta' Marzu 2017, Dr. Nigel Camilleri, l-espert tal-Qorti, iddikkjara: "Nikkonferma li meta jiena eżaminajt lir-rikorrenti sibt li din tbati minn ansjeta` u rabja minħabba l-avvenimenti li saru fuqha allura nasal għall-ammont ta' ħamsa fil-mija ta' diżabilità."

53. Inoltre`, fir-rapport imħejji mill-espert Nr. Nigel Camilleri, ingħad li r-rikorrenti qed issofri minn:

> *"…..adjustment disorder with symptoms of emotion, predominantly anger and anxiety in response to the alleged traumatic past and discrimination."*

54. Għalhekk il-Qorti tqis illi n-ness rikjest ta' kawża u effett, ġie ippruvat bir-rapport tal-Perit espert Dr. Nigel Camilleri, fejn l-Espert jindika biss istanzi fuq il-post tax-xogħol tar-rikorrenti, kif ir-rikorrenti stess irrakkontatlu, li wasslu għall-istat mentali tarrikorrenti, u ma jirriżultawx djanjosi oħra ulterjuri fuq ir-rikorrenti. Di piu`, jirriżulta mir-rapport peritali li n-ness meħtieġ bejn in-nuqqas ta' responsabbiltà da parti min kien iħaddem ir-rikorrenti, li kien effettivament responsabbli

biex seħħet iċ-ċirkostanza li kkaġunat id-dannu lir-rikorrenti, fejn ġie stabbilit illi tali sitwazzjoni kkawżat diżabbilta' tar-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) diżabilità fuq ir-rikorrenti.

55. Il-Qorti tirrileva illi minn eżami akkurat tal-assjem tal-provi, meta r-rikorrenti kienet għadha stazzjonata l-Fairyland Ward, ma kienx hemm rapporti negattivi fil-konfront tagħha u jirriżulta li meta r-rikorrenti ġiet trasferita, it-trasferiment tagħha la kien meħtieġ u wisq anqas aċċettat fil-lant tax-xogħol fejn intbagħtet. Għal xhur sħaħ hija ma setgħetx taċċedi għall-post tax-xogħol fil-klinika fl-ajruport, proprju għaliex, ma ngħatax il-pass neċessarju sabiex taċċedi fil-premises. Dan kien konsegwenza tal-fatt, li t-trasferiment tagħha ma kienx ġie rikonoxxut.

56. B'referenza għal dan, ser tiġi kkwotata silta mix-xhieda ta' John Attard Kingswell, li qal hekk:

> *"Din kienet ġiet trasferita fil-klinika tal-airport għall-ħabta tal-2008, u meta ġiet hemmhekk jiena kont sorpriż għax ma kellix bżonn ta' nurses f'dak il-perjodu. Ovvjament kelli nara kif tirrintegra fix-xogħol li kont responsabbli għalih. Minħabba clash fir-roster inqala' wkoll clash ta' karattri u tlabt li jiddaħħal xi ħadd għax l-affarijiet ma setgħux jibqgħu sejrin hekk. Nikkonferma li r-rikorrenti ma kienx hemm bżonnha fil-klinika tal-ajruport u effettivament kienet żejda hemmhekk. Biex niċċara kwalunkwe nurse oħra li setgħet ġiet f'dak il-perjodu kienet tkun meqjusa bħala żejda għax ma kienx hemm bżonn ta' nurses."*

57. Il-Qorti tosserva illi dwar dak allegat mir-rikorrenti dwar abbuż morali, fiżiku u psikoloġiku, li hija allegatament sofriet fil-klinika tal-ajruport, hija regola ben stabbilita fil-ġurisprudenza li min jallega jrid jipprova. Infatti, hija regola ġenerali, li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat (**Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol.XXXVII-i-578). Dan il-prinċipju jinsab stabbilit fl-**Artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura** u ġie ripetut diversi drabi f'bosta sentenzi. (Ara **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri**, deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella**, Appell Inferjuri deċiż fit-2 ta' Mejju 1995).

58. Wara li ġew eżaminati l-provi kollha anke f'dan ir-rigward, dawn l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma jinsabux korroborati b'xhieda oħra. Għalhekk, dak allegat rigward abbuż fiżiku, morali u psikoloġiku mhuwiex ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

59. Madankollu, wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-każ, huwa minnu li ma jirriżultax li kien hemm ġustifikazzjoni għat-trasferimenti tar-rikorrenti oriġinalment minn 'Fairyland' għall-Malta International Airport, w l-intimati ma ressqu ebda prova sabiex jispjegaw għaliex sar tali trasferiment.

60. Il-Qorti tikkonkludi illi kien riżultat ta' tali trasferiment inspjegabbli u bla ħtiega illi r-rikorrenti spiċċat l-ewwel intbagħtet f'post fejn ma

riduhiex bl-ebda mod, sussegwentement intbagħtet ġewwa Monte Carmeli fejn spiċċat kellha tirrikorri għal għajnuna tal-MUMN minħabba fis-sitwazzjoni tax-xogħol, u eventwalment reġgħet intbagħtet ġewwa l-Ajruport, fejn kienet ġia taf illi ma riduhiex – dan it-taqlib kollu fuq il-post tax-xogħol tagħha kkreatilha ansjeta u rabja, kif ikkonfermat mill-espert il-Psikjatra Dr. Nigel Camilleri.

**Danni**

61. B'referenza għad-danni pretizi, huwa relevanti, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ġenerali dwar danni stabbiliti fl-Artikolu 1032 tal-Kap 16.

62. **L-Artikolu 1032 tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

> *"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

63. Dan ifisser li huwa fi ħtija kull min jiddiporta ruħu b'leġerezza ċensurabbli u b'ineskużabbli imprudenza (Vide **Fadda** 'Gurisprudenza Codice Civile Italiano', para 4467. Għalhekk, in-nozzjoni ta' '*colpa*', aċċettata fis-sistema legali tagħna, ibbażata fuq il-prevedibbilita` li hija distinta mill-previżjoni u sservi biex tiddistingwi l-'*colpa*' mill-każ fortuwitu.

64. Fid-dawl tas-suespost, u stante li t-trasferiment mhux mistħoqq huwa riżultat ta' nuqqas, ta' prudenza, diliġenza u ta' missier tajjeb tal-familja da parti tal-intimat, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra d-danni għall-akkadut u konsegwenti danni sofferti.

65. Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti ('*damnum emergens*') u dawk id-danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata '*lucrum cessans*' kif provdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16.

66. Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħha, sostniet li hija għandha tingħata danni kemm bħala '*damnum emergens*' kif ukoll bħala '*lucrum cessans*'.

67. Il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni kemm ta' dak komputat fis-sottomissjonijiet, kif ukoll, tal-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, tqis, li minħabba n-natura talkaż, fejn jidher illi t-trasferiment kien mhux meħtieġ u mhux f'loku, flok ma taħdem id-danni bil-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha solitament il-Qrati tagħna, hija għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva.

68. Bħalma ġara fil-każ **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd**, deċiża fit-13 ta' Ottubru 2004, dawn il-Qrati dejjem irritenew li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. F'deċiżjoni f'Vol. XXXV P.III p 615

f'kollezzjonijiet ta' deċiżjonijiet, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana di Cassazione, fejn ingħad:

> *"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e rimesso al magistrate il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato."*

69. Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhuwiex abbażi ta' danni ben stradati permezz tal-komputazzjoni matematika li jirrikorru għaliha l-Qrati b'kalkolu preċiż fuq formoli żviluppati, kif jinsab fil-ġurisprudenza nostrana.

70. Infatti, fil-każ **Joseph Attard et vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa** (908/2005/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014, fejn ukoll kien hemm talba għad-danni '*sic et simpliciter*', ġie ribadit li l-likwidazzjoni tad-danni '*arbitrio boni viri'* ssir meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra. Fil-kawża odjerna, r-rikorrenti ma ppruvatx biċ-ċert id-danni minnha sofferti.

71. Għalhekk, din il-Qorti, abbażi tal-prinċipju suespost, ser tillikwida d-danni arbitrio boni viri.

72. Madankollu, kkunsidrat, li fiċ-ċirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti danni għandhom jintlaqgħu, la darba ġie ppruvat li hija sofriet diżabilità konsegwenza tat-trasferimenti u l-evetwalitajiet konsegwenti għal dawn it-trasferimenti.

73. Għalhekk, din il-Qorti, wara li kkunsidrat, il-paga annwali li kienet tirċievi r-rikorrenti fl-2011 u fl-2012, skond l-uniċi dokumentazzjoni eżebita fil-proċess, u wara li kkunsidrat il-każ in diżamina, il-Qorti tordna li r-rikorrenti tingħata l-ammont ta' sebat elef (€7,000) *arbitrio boni viri, in linea* ta' danni minnha sofferti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

**Tiddikjara** li bl-azzjonijiet tagħhom l-intimati kkaġunaw danni materjali u personali lir-rikorrenti tat-tip 'lucrum cessans' biss.

**Tiddikjara** li l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti. Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000).

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) lir-rikorrenti.

Imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal-intimati."

## APPELL PRINĊIPALI TAL-ATTRIĊI (20.07.2021):

5. L-attriċi telenka l-aggravji tagħha hekk:

(i) L-Ewwel Qorti messha laqgħet it-talbiet *in toto* fis-sens li d-debilità permanenti ta' 5% kien riżultat ta' dak mitlub fiċ-ċitazzjoni (sic);

F'dan ir-rigward issostni li mill-provi kellu jkun inekwivoku l-akkadut u l-konsegwenzi materjali u psikoloġiċi tiegħu.

(ii) L-Ewwel Qorti kellha takkorda danni anke *in linea* ta' *damnum emergens;*

F'dan ir-rigward issostni li d-diżabilità kellha twassal għal-likwidazzjoni anke ta' *damnum emergens*. Hija qed tippretendi s-somma ta' **€15,853.50** f'dan ir-rigward:

> *"Nużaw il-paga ta' €35,230 bħala bażi. L-għoli tal-ħajja tul dawn is-snin jista' jiġi kalkolat a bażi tal-istatistika maħruġa mill-NSO bħala b'medja ta' 3%. Din fuq medda ta' 15-il sena twassal għall-figura ta' €15,853.30. Irid jiżdied jingħad finalment illi din l-aħħar figura tista' wkoll tiġi komputata bħala damnum emergens – telf ta' qligħ reali."*

(iii) <u>L-Ewwel Qorti għall-finijiet ta' *lucrum cessans* messha adoperat sistema oħra għall-komputazzjoni tad-danni;</u>

F'dan ir-rigward tipproponi li tingħata figura ta' kumpens *arbitrio boni viri* relatat ma' persentaġġ tal-paga tagħha biex b'hekk l-eżerċizzju jkollu wkoll eżami matematiku li jagħti element ta' ċertezza. Hija qed tippretendi s-somma ta' <u>**€27,637.50**</u> f'dan ir-rigward:

> *"…bħala bażi huwa ekwu li nużaw il-figura ta' €33,500 li imbagħad jiżdied bi 10% għal €36,850….*
> *…ai finijiet ta' kalkolu huwa ekwu u ġust li mmorru lura għal perjodu meta pju o meno beda l-inkwiet u b'hekk għandna nużaw kalkolu ta' 15-il sena.*
> *Għaldaqstant il-kalkolu għandu jkun 36580 x 15 x 5% - 27637.50"*

**L-attriċi għalhekk tissottometti li l-ammont totali tad-danni sofferti minnha tagħha għandu jkun ta' <u>€43,491</u>** (€27,637.50 + €15,853.50).

## <u>RISPOSTA TAL-APPELL TAL-KONVENUTI (10.08.2021):</u>

6. Il-konvenuti wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

**APPELL INĊIDENTALI TAL-KONVENUTI:**

7. Il-konvenuti appellati nqdew bl-appell magħmul mill-attriċi sabiex da parti tagħhom jagħmlu appell inċidentali mis-sentenza fit-termini tal-Artikolu 240 tal-Kap 12. L-aggravji tagħhom, in suċċint, huma dawn it-tnejn:

(i) Ma ġiex ippruvat ness bejn it-trasferimenti u d-debilità permanenti li allegatament sofriet l-attriċi:

F'dan ir-rigward, u b'referenza għall-perċentwal ta' 5% li wasal għalih l-espert psikjatriku Dr Nigel Camilleri, il-konvenuti jsostnu li m'hemmx konferma li s-sintomi ta' rabja u anzjetà fl-attriċi huma konsegwenza tat-trasferimenti in kwistjoni u dan għaliex l-espert jista' jistrieħ biss fuq il-verżjoni tal-attriċi.

(ii) L-Ewwel Qorti ma messhiex issostitwixxiet ruħha fil-parti li tallega d-danni sabiex tissana l-pożizzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward il-konvenuti jargumentaw li għalkemm il-Qorti jifdlilha s-setgħa diskrezzjonali li tillikwida l-ammont pretiż fuq il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva, biex tagħmel dan kellha ssejjes il-fehma tagħha fuq motivazzjoni loġika li tagħti ħjiel xieraq ta' kif wieħed ikun wasal għal tali likwidazzjoni.

**L-ATTRIĊI MA WEĠBITX  GĦALL-APPELL INĊIDENTALI:**

8. Minkejja li fit-13 ta' Awwissu 2021 l-attriċi ġiet debitament notifikata bl-appell inċidentali tal-konvenuti hija ma ppreżentatx risposta fir-rigward.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

9. L-attriċi, li hija infermiera, għamlet din il-kawża għaliex issostni li riżultat tat-trasferimenti li tawha mill-Isptar San Luqa għall-klinika tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, imbagħad għall-Isptar Monte Carmeli, imbagħad mill-ġdid għall-klinika tal-ajruport, hija sofriet danni kemm tat-tip *damnum emergens* (konsegwenza tat-telf tal-qliegħ regolari tagħha) kif ukoll tat-tip *lucrum cessans* (konsegwenza tad-diżabilità fuq il-persuna tagħha bħala riżultat tal-azzjonijiet u ommissjonijiet tal-intimati).

10. L-Ewwel Qorti qieset li t-talba tal-attriċi għad-danni kellha tintlaqa' (*in linea* ta' *lucrum cessans* biss) għaliex irriżultalha li l-attriċi effettivament sofriet diżabilità "*konsegwenza tat-trasferimenti u eventwalitajiet konsegwenti għal dawn it-trasferimenti*." Hija però qieset li l-attriċi "*ma ppruvatx biċ-ċert id-danni minnha sofferti*" u għalhekk illiwidat id-danni *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €7,000 bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġustizzja ekwitattiva.

11. Iż-żewġ partijiet ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Qorti. L-attriċi ssostni li l-kwantum tad-danni likwidati kellu jkun ferm akbar minn €7,000 sabiex jirrifletti dak li hija verament sofriet u dan mhux biss *in linea* ta' *lucrum cessans* iżda wkoll ta' *damnum emergens*. Fil-fatt issuġġerixxiet l-ammont totali ta' €43,491. Il-konvenuti min-naħa tagħhom isostnu li m'għandha tieħu assolutament xejn għaliex ma ġiex ippruvat li hemm xi ness bejn l-azzjonijiet tagħhom u d-danni allegati minnha. L-ilmenti taż-żewġ partijiet għalhekk huma bbażati fuq l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda n-ness bejn il-kawża u l-effett allegat mill-attriċi.

**<u>Provi:</u>**

12. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi prodotti u tagħmel aċċenn partikolari għas-segwenti xhieda u rapport peritali.

13. <u>Sabrina Drago</u>, kienet għamlet għaxar snin taħdem flimkien mal-attriċi fil-*Fairyland Ward* tal-Isptar San Luqa. Fix-xhieda tagħha tas-6 ta' April 2017 qalet li bħala grad ma kinux l-istess għaliex hija kienet "*in charge".* Mistoqsija jekk tul is-snin illi hi u l-attriċi ħadmu flimkien qattx għamlet rapport negattiv fil-konfront tagħha, qalet li "*le, la miktub u lanqas bil-fomm."*

14. Colin Galea, Segretarju Ġenerali tal-MUMN (*Malta Union of Midwives and Nurses*) fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Novembru 2014 spjega li fl-2008 l-attriċi kienet daħlet membru tal-*union* meta kienet għadha kemm ġiet ittrasferita mill-Isptar San Luqa (fejn kienet taħdem ġewwa *Fairyland Ward*) għall-klinika tal-ajruport. Qal li hija inkarigat lill-*union* tinvestiga x'kienet ir-raġuni wara dan it-trasferiment. Spjega li meta marru fl-uffiċċju tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Saħħa u raw il-fajl tal-attriċi, minn tali fajl ma rriżultatx ir-raġuni għat-trasferiment. Qal li meta l-*union* indagat dwar ir-raġuni għat-trasferiment:

> *"r-raġuni li ngħatajna kienet illi kien hemm bżonn dan it-trasferiment minħabba l-esiġenzi tas-servizz."*

15. Xehed li meta kkomunika mat-tabib John Attard Kingswell, li taħtu kienet taqa' din il-klinika tal-ajruport, huwa infurmah li dan it-trasferiment kien ġie impost fuqu wkoll, u li l-klinika fil-fatt ma kellhiex bżonn is-servizzi tal-attriċi.

16. Qal li ftit xhur wara li l-attriċi kienet ġiet ittrasferita għall-klinika tal-ajruport, ħadet trasferiment ieħor, din id-darba għall-Isptar Monte Carmeli. Xehed li għal darb'oħra r-raġuni għal dan it-trasferiment ma ngħatatx.

> *"Naf illi r-rikorrenti Carabott ilmentat ħafna minn dan it-tieni trasferiment. Naf ukoll illi hemm ittra tal-Ombudsman stante li r-rikorrenti Carabott għandha tifel ibati minn diżabilità fejn l-Ombudsman stess irrakommanda lid-Dipartiment tas-Saħħa li l-post tax-xogħol fejn għandha tkun qed taħdem ir-rikorrenti Carabott*

> *għandu jkun kemm jista' jkun viċin id-dar tagħha minħabba dan l-istat ta' fatt."*

17. Qal li din ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman ma ngħatat l-ebda widen sakemm kien hemm il-Ministru Dalli u li mbagħad meta laħaq il-Ministru Cassar reġgħu ressqu l-ilment u din id-darba ġie milqugħ, u sussegwentement l-attriċi reġgħet lura fil-klinika tal-ajruport.

18. Spjega li qabel ma reġgħet marret lura fil-klinika tal-ajruport kellha xi problemi fl-Isptar Monte Carmeli (apparti l-kwistjoni tad-distanza mid-dar tagħha), fosthom li kienet titħalla waħeda bil-lejl b'responsabbiltà ta' għoxrin/ ħamsa u għoxrin pazjent:

> *"Kien hemm ukoll ċirkostanzi fejn kienet taħdem bil-lejl kienet titħalla taħdem waħeda fl-Isptar Monte Carmeli u b'responsabbiltà ta' xi għoxrin, ħamsa u għoxrin, pazjent. Dan ma kienx aċċettabbli għall-union li qed nirrappreżenta u fil-fatt il-union ressqet l-ilmenti fir-rigward."*

19. Kompla jgħid li meta l-attriċi reġgħet irritornat il-klinika tal-ajruport il-problemi żdiedu. Qal li ma kellhiex *locker* u lanqas uniformi għaliha, u li anke kienet issir inġustizzja fl-għoti tal-*overtime.* Qal li sofriet ukoll abbuż fiżiku (fejn però ġie infurmat li għalkemm il-każ ġie investigat f' inkjesta ma setgħux jittieħdu passi ulterjuri minħabba mankanza ta' xhieda) u abbuż sesswali (fejn ġie informat li l-każ kien ser jiġi riferut lil xi ħadd ieħor barra d-Dipartiment tas-Saħħa). Qal ukoll li kienu anke ttieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-attriċi li però waqgħu:

*"Meta kienet hemmhekk sofriet ukoll abbuż sesswali minn tabib li kien jaħdem fl-istess klinika.*

*Kien hemm ukoll abbuż fiżiku. Kif il-union saret taf b' dawn l-allegazzjonijiet il-każ mill-ewwel ġie rrapurtat lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li nfurmani li kien beda nkjesta, mhux fl-inkjesta riservata għar-rikorrenti Carabott iżda l-każ tar-rikorrenti Carabott kien ser ikun parti minn din l-inkjesta. Wara numru ta' xhur l-inkjesta ġiet konkluża u rċevejna r-relazzjoni tal-istess. F' din ir-relazzjoni hemm konkluż illi rriżulta li kien hemm tabib li waddab siġġu lir-rikorrenti Carabott però wasal għall-konklużjoni li stante li ma kienx hemm terzi preżenti ma setax jieħu passi ulterjuri.*

*Meta jien ġbidt l-attenzjoni għall-allegat abbuż sesswali li seħħ fuq ir-rikorrenti Carabott is-Supretendent qalli li kien ħa jirreferi l-każ għal xi ħadd ieħor mhux fid-Dipartiment tas-Saħħa. Jien ilmentajt illi f' każ bħal dan id-Dipartiment kellu l-obbligu li jinvestiga u għallinqas jieħu passi biex jifridhom mix-shift mhu ipoġġihom f' shift wieħed.*

*Però wara dan il-każ bdew sensiela ta' każijiet ta' dixxiplina illi d-Dipartiment tas-Saħħa beda jieħu fil-konfront tar-rikorrenti Carabott li bdew kollha mit-tobba li kienu jaħdmu fil-klinika tal-airport. Nixtieq ninforma lill-Qorti li l-każijiet ta' dixxiplina kienu erbgħa. Wieħed waqa' għaliex ma kienx hemm provi, l-ieħor għaliex kien hemm biss kelma tat-tabib u kelma tar-rikorrenti, it-tielet wieħed waqa' wkoll għaliex ma kienx hemm provi, ir-raba' każ komplew bih għaliex kien ftit xhur qabel l-elezzjoni u l-proċedura tal-każ waqgħet. Dan il-każ kien jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti Carabott illi kienet ippreżentat lid-Dipartiment konċernat nuqqasijiet li kienet qed tara fil-klinika tal-airport bħal mediċina li kienet expired u nuqqasijiet oħra u meta rat li d-Dipartiment ma kienx qed jagħti widen u ovvjament il-pazjenti li kienu qed jiġu ikkurati fil-klinika kienu qed jiġu kkurati b'mediċina skaduta kienet infurmat lil waħda mill-gazzetti lokali b'dan l-inċident. Irriżulta li minflok id-Dipartiment għażel li jirranġa s-sitwazzjoni kif kienet qed titmexxa din il-klinika ħa passi kontra r-rikorrenti Carabott li marret tirraporta gazzetta."*

20. It-tabib <u>John Attard Kingswell</u> fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Mejju 2018 spjega li bejn l-2007 u l-2013 kien Direttur u responsabbli mill-Environmental Health fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa. Qal li lill-attriċi Jane Carabott jafha mill-klinika tal-ajruport peress li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat tiegħu. Qal li meta kienet ġiet trasferita fil-klinika tal-ajruport kien sorpriż għax ma kellux bżonn ta' infermiera f'dak

il-perjodu.

> *"Nikkonferma li r-rikorrenti ma kienx hemm bżonnha fil-klinika tal-ajruport u effettivament kienet żejda hemmhekk. Biex niċċara, kwalunkwe nurse oħra li setgħet ġiet f' dak il-perjodu kienet tkun meqjusa bħala żejda għaliex ma kienx hemm bżonn ta' nurses."*

21. Xehed li l-attriċi ma kinitx tqisu bħala Direttur u li dan il-kliem effettivament qalitulu waqt laqgħa. Dwar l-allegazzjoni tal-fastidju sesswali qal li l-attriċi ma kinitx irrapurtat lilu. Qal li għalkemm kien tela' jixhed quddiem il-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza li tittratta dawn il-każijiet, huwa ma jafx x'kien l-eżitu finali. Qal li kien hemm xi każijiet oħra li rraportat dwarhom iżda ma kienx intalab jixhed fihom. Semma wkoll li darba minnhom minn jeddha kienet tat intervista lil xi gazzetta dwar mediċini skaduti u nuqqasijiet allegati minnha u sussegwentement kienu ttieħdu passi ta' dixxiplina kontriha. Qal li però kien intlaħaq ftehim biex minflok titkompla l-proċedura, l-attriċi tingħata għajnuna "*li jiena fhimt kienet għajnuna psikjatrika*". Qal li għalkemm kienet talbet *time off in lieu* fir-rigward ta' eluf ta' sigħat *overtime* li hija allegatament ħadmet l-Isptar Monte Carmeli huwa kien spjegalha li ma setax jagħtihulha "*jekk fil-verita` kien jeżisti*", u kien issuġġerielha li titlob lill-Isptar Monte Carmeli biex iħallsuha tali *overtime*. Qal ukoll li fix-xogħol ta' kuljum kellu diversi ilmenti fil-konfront tal-attriċi anke minn Dr Portelli Demajo li dak iż-żmien kien *Senior Medical Officer* fil-klinika tal-ajruport però qal li dawn l-ilmenti jafhom iktar l-istess Dr Portelli Demajo li kien personalment jaħdem mal-attriċi.

22. <u>Dr Joseph Portelli Demajo</u> fix-xhieda tiegħu tas-27 ta’ Novembru 2018 qal li kien impjegat bħala *Senior Port Medical Officer* u taħt ir-responsabbiltajiet tiegħu kienet taqa’ l-kinika tal-ajruport. Qal li l-attriċi kienet taqdi d-dmirijiet tagħha bħala infermiera f’din il-klinika fuq bażi ta’ *roster* ma’ infermiera oħra. Qal li huwa ma kienx jaħdem fil-klinika, għalkemm kien ikun hemm meta kien iħoss li hemm bżonn li jkun preżenti. Mistoqsi kienx hemm xi lment da parti tal-attriċi qal li ma jiftakarx. Qal li l-ilmenti mill-ħaddiema dejjem jinqalgħu iżda m’għandux impressjoni li qatt kien hemm xi ħaġa eċċezzjonali.

23. L-attriċi <u>Jane Carabott</u> fix-xhieda tagħha tat-28 ta’ Frar 2018 qalet li bl-esperjenza li għaddiet minnha mertu ta’ din il-kawża, l-familja tagħha ġiet distrutta, u binha (li jbati minn diżabilità) mar lura ħafna. Tirrakkonta li l-aħħar okkażjoni li ġara xi ħaġa kien meta *Deputy Liaising Officer* kien talabha teħodlu l-polz mill-*“groin*”. Qal li kien talabha tliet darbiet u hija kienet telgħet fuq il-bejt u bdiet tibki u ċemplet lil żewġha u anke lil Colin tal-Union. Qalet li fil-kamra tal-klinika tal-ajruport kienet ġiet soġġetta għal “ħafna *harassment”* u li għalkemm għamlet rapport l-Għassa kif ukoll id-Depot, il-pulizija ma ħadux passi. Qalet li x’ħin saru jafu li kien hemm tabib l-ewwel assigurawha li kienu ser jagħmlu kollox imma mbagħad waqfu.

24. Hija fix-xhieda tagħha ilmentat li kienet qalgħet it-trasferimenti u li

“*ħaduli l-flus li kont naħdem overtime”* fiż-żmien meta binha kien iktar stabbli. Qalet li ġiet imżebilħa, qalgħet tgħajjir u anke ġiet imsawwta minn kollega tagħha fil-kinika tal-ajruport.

25. Il-psikjatra Dr Nigel Camilleri, nominat bħala espert mediku fl-atti tal-kawża, eżamina lill-attriċi fis-17 ta’ Marzu 2016 u ppreżenta r-rapport tiegħu fil-25 ta’ Mejju 2016. Fiż-żmien li eżaminaha kienet qiegħda taħdem bħala infermiera fil-*Primary Health Care Centre* ta’ Raħal Ġdid. Fir-rapport semma’ li l-attriċi kienet qaltlu “*joy is my work*” u “*l-pazjenti are my therapy*”. Hija indikatlu sitt episodji li kienu wasslu biex hija tiftaħ din l-kawża:

> *“1. Three transfers over three months without being given a reason, as well as being sent there without any time to adjust. […]*
>
> *2. Being discriminated against by being given a uniform which was too large for her. She said that she must have been given a men’s uniform instead. She holds that they were jealous of her as she was taking their overtime as she needed to work to help her son. She says that since there were no seniors, they could take the law in their own hands.*
>
> *3. Not being allowed to make use of her time in lieu and is over 1000 of this. She was not given a reason for this.*
>
> *4. One episode of physical abuse by a nurse colleague at the Malta International Airport and emotional abuse in terms of verbal allegations by both the same colleague and doctors. She was physically assaulted by another nurse [….]. She claimed that this nurse did not like her and once locked her in a lift when she was still learning how to carry out her job.*
>
> *5. Not being allowed to work overtime at the airport whilst other colleagues were allowed.*
>
> *6. Numerous episodes of sexual harassment by […., ….., ….., and ….]. She says she has recordings of this on CD. Episodes of sexual*

> *harassment happened numerous times from 2008 to 2001 when she was at Malta International Airport. She describes it as being touched over her breasts and upper body by [… and …..]. She said that [….. and ….] asked her to urinate in front of them because they said that the toilet key was lost and she was told to use a toilet hich had a door which could not be locked. However this story is not clear because she then said that she was told to use a toilet but was afraid that they would walk in on her and she would get further harassment from the team. It is not clear whether she was told to urinate in front of them or whether she was afraid of them walking in. There was an episode where […] came out of the toilet wearing only a towel around his waist. Jane interpreted this as sexual harassment. She also said that [….] tried to kiss her and could feel his dry breath close to her face. She says that she was touched under her clothes, on her skin but not touched on any intimate parts. She tried to stop him by tensing up but could not scream as she was afraid she would lose her job."*

26. Fir-rapport spjega wkoll li kien intervista lit-tabib Dr Anthony Dimech, li huwa l-psikjatra li jikkura lill-attriċi. Huwa ddeskriva dak li qallu Dr Dimech hekk:

> *"His overall formulation is that Jane is overwhelmed with her life circumstances, mainly her stress at work and family life situation which includes her son suffering from a disability and also inconsistencies in the way that her son is being managed by herself and her husband at home. The overall belief is that her life is very unfair. He describes her as someone who has suffered from numerous traumas. These include traumas at work on top of the chronic problems she has in her family life. He cannot comment on whether these are factual or real however he says that to her this is a perceived reality of what has happened. There are clearly no symptoms of psychotic illness. His overall belief* (is) *that she suffers from an emotional unstable personality, which may be the result of an enduring personality disorder due to post traumatic stress disorder. His working diagnosis is complex post traumatic stress disorder in the context of repeated trauma, both at home and at work. He describes her risks to self, risk to other and risk of exploitation as low. He further says that she would benefit from regular medication from such traumatic events."*

27. L-espert mediku mbagħad ikkonkluda hekk:

> *"My overall assessment for the presence of mental illness and whether her history could have been an influence in the allegations*

*made include that she is suffering from an adjustment disorder with regards to the alleged traumatic events. She presents as being anxious and angry of the situation. Whether factual or not she experiences these traumatic events as real and interprets them as discrimation and harassment. However, I would question the validity and reliability in this, whether these actually did take place of whether there are misinterpretations of true facts. There is no other evidence of a severe and enduring mental illness however I would consider further psychological and personality test assessments to look into the possibility of a personality disorder."*

28. Fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 huwa kkonferma r-rapport. Mistoqsi jekk l-attriċi tbatix minn problemi ta' natura psikjatrika wieġeb fl-affermattiv u qal li hija speċifikatament "*tbati minn kwistjonijiet ta' adjustment disorders*. Qal li meta eżaminaha sab li hija tbati b'anzjetà u rabja minħabba l-avvenimenti li saru fuqha. Qal li "*nasal għal ammont ta' ħamsa fil-mija (5%) ta' diżabilità."*

29. Kontroeżaminat xehed hekk:

*"Il-problema li r-rikorrenti tbati biha illi ma tantx tirrelata mal-ambjent ta' madwarha hu riżultat illi għaddiet minn stress kbir; meta jsir dan wieħed ikollu ċertu sintomi. Dawn jistgħu ikunu ta' rabja, ta' anzjetà, ta' dwejjaq. Meta nirreferu għal kwistjonijiet ta' adjustment dan ifissier lil ma jkunx hemm effett durevoli fiż-żmien. Generalment dawn is-sintomi f' perjodu ta' sentejn jirrisolvu ruħhom waħedhom. Per eżempju jista' jmut membru tal-familja tiegħek u wieħed jgħaddi minn dawn il-problemi.*

*Mistoqsi x' kienu l-kaġun ta' dan id-diżordni ngħid illli r-rikorrenti kienet identifikatli sitt okkażjonijiet u ċ-ċirkostanzi li kkaġunawlha dan id-diżordni. Jiena naħseb illi kemm kommunittivament kif ukoll indipendentement minn xulxin dawn kollha affettwawha u kkawżawlha d-diżordni in kwistjoni.*

*Mistoqsi jekk dan l-allegazzjonijiet seħħewx fir-realta` ngħid illi mill-analiżi li għamilt bħala Espert tal-Qorti żgur irriżultali li kien hemm ħsibijiet illi żgur kabbru l-inċidenti li ġraw u għalhekk il-perċezzjoni tar-rikorrenti setgħet ġiet affettwata u kibret f' moħħha minħabba dawn iċ-*

*ċirkostanzi.*

*Jiena ma nistax ngħid illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma ġrawx iżda meta wieħed jibqa' jaħseb fit-tul fuq l-istess ħaġa jista' jkabbar l-effett tal-istess. Jista' jkun li jekk wieħed jiffissa fuq dawn l-oġġetti l-kontenut tal-istorja jinbidel jew l-interpretazzjoni tal-istess tinbidel però b' daqshekk ma jfissirx li jiena qed ngħid li l-persuna ma tħossx li għaddiet minn dawn l-affarijiet."*

## Responsabbiltà:

30. Fl-ewwel lok għandu jingħad li mill-premessi u t-talbiet jirriżulta li din il-kawża hija mibnija fuq l-Artikolu 469A (1)(b)(iii):

*"469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

***(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;***

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*
*….."*

31. Għalkemm il-konvenuti, fit-tieni eċċezzjoni tagħhom jgħidu li din l-azzjoni hija karenti minn fundament ġuridiku :

> *"… stante li l-lanjanza ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' 'egħmil amministrattiv' ai termini tal-Artikolu 469A stante li din id-definizzjoni teskludi …. 'xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzjazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`' "*

din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Għalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' "*egħmil amministrattiv*" sindakabbli mill-Qorti teskludi "*xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità",* dan ma jnaqqasx mill-fatt li l-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tistħarreġ egħmil amministrattiv li "*jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.*" [Art. 469(1)(b)(iii)]. U mill-kontenut tal-premessi u t-talbiet huwa ben ċar li l-attriċi qed tilmenta li t-trasferimenti in kwistjoni ma sarux għal għanijiet xierqa jew rilevanti.

32. Mill-provi prodotti (u fuq esposti) jirriżulta li sal-2008 l-attriċi kienet taħdem f'*Fairyland Ward* ġewwa l-Isptar San Luqa, u li kienet ilha taħdem hemm għal bosta snin. Jidher li kienet kuntenta taħdem hemm u kif anke xehdet il-kollega tagħha Sabrina Drago, li kienet superjuri għaliha fil-grad, u kienet *"in charge*" tagħha, hija qatt ma għamlet xi ilment fil-konfront tagħha.

33. Meta ħabta u sabta l-attriċi ngħatat trasferiment għall-klinika tal-

ajruport hija ħaditha ferm bi kbira, tant li daħlet membru mal-MUMN u talbet l-intervent tagħha. Colin Galea mill-MUMN xehed li r-raġuni li ngħatat l-*union* kienet li kien hemm bżonn ta' tali trasferiment "*minħabba l-esiġenzi tas-servizz."* Dan assolutment mhux minnu, għaliex mix-xhieda tat-tabib John Attard Kingswell stess, li taħt id-Direttorat tiegħu kienet taqa' l-klinika tal-ajruport, jirriżulta li l-klinika tal-ajruport ma kellhiex bżonn ta' iktar infermiera. L-attriċi fil-fatt kienet żejda hemmhekk.

34. Jirriżulta li ftit tax-xhur wara, l-attriċi ngħatat trasferiment ieħor għall-Isptar Monte Carmeli. Hija ma kienet kuntenta xejn b'dan it-trasferiment. Fost l-ilmenti li hija ressqet mal-MUMN semmiet li kienet titħalla waħedha ma' għoxrin jew ħamsa u għoxrin pazjent meta tkun qed taħdem ta' bil-lejl, iżda jidher li l-ikbar preokkupazzjoni tagħha kien il-fatt li dan il-post tax-xogħol il-ġdid tagħha ġewwa Ħ'Attard issa kien wisq bogħod mid-dar tagħha fl-Imqabba. Jirriżulta li wieħed mit-tlett itfal tagħha ibati minn diżabilità (l-espert mediku fil-fatt jaċċenna għall-fatt li dan it-tifel "*is diagnosed with tuberous sclerosis, Autism Spectrum disorder and epilepsy*") u għalhekk naturalment huwa importanti li l-post tax-xogħol tagħha jkun viċin kemm jista' jkun tar-residenza tagħha. Kien anke intervjena l-Ombudsman u għamel rakkomandazzjoni f'dan ir-rigward u eventwalment tali rakkomandazzjoni ntlaqgħet. (Minn annotament fuq dokument[1] li ġie ppreżentat minn Duncan Genius, *Senior*

[1] A fol 101

*Manager* fis-Sezzjoni tal-Finanzi fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa, jidher li hija ġiet ittrasferita mill-Isptar Monte Carmeli fl-2010).

35. Eventwalment mill-Isptar Monte Carmeli l-attriċi reġgħet ġiet ittrasferita għall-klinika tal-ajruport, fejn hija diġà kienet taf li ma kienx hemm bżonnha. Fir-rigward ta' dan it-tieni trasferiment għall-klinika tal-ajruport tilmenta li ma setgħetx tieħu s-sigħat tal-*overtime* li kienet ħadmet ġewwa l-Isptar Monte Carmeli (skont hi iktar minn elf siegħa) bħala *time off in lieu*, li kienet issir diskriminazzjoni magħha fl-għoti tal-*overtime*, li ma kellhiex *locker* u li ngħatat uniformi mhux tad-daqs tagħha. Fuq kollox tilmenta li din it-tieni darba li ġiet ittrasferita hemm ġiet soġġetta għal abbuż fiżiku, verbali u sesswali. Jidher li damet taħdem fil-klinika tal-ajruport sal-2013.[2]

36. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuti in kwantu jsostnu li l-attriċi ma ppruvat l-ebda ness bejn it-trasferimenti u d-danni allegatament sofferti minnha. M'hemmx dubju li dawn it-trasferimenti ordnati mill-konvenuti, inspjegabbli u bla ħtieġa, bit-taqlib kollu li ġabu magħhom, ħallew effett negattiv fuq l-attriċi. Ovvjament biex imbagħad jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attriċi bħala kawża ta' dawn it-trasferimenti jrid jiġi determinat sa liema punt dawn it-trasferimenti kkaġunawlha danni.

---

[2] Dan jirriżulta kemm minn email miktuba mit-tabib John Attard Kingswell datata 7 ta' Frar 2013 rigwardanti l-kwistjoni dwar *time off in lieu* mitlub mill-attriċi, li sa tali data kienet għadha qiegħda taħdem fil-klinika tal-ajruport, kif ukoll minn dokument[2] (ieħor) li ġie ppreżentat minn Duncan Genuis, li jindika li l-attriċi kienet ġiet ittrasferita għal "*Primary Health*" f' Lulju tal-2013.

**<u>Likwidazzjoni ta' danni:</u>**

37. Kif fakkret l-Ewwel Qorti, mill-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili jirriżulta ċar li min jirreklama xi danni sofferti minnu irid jipprova ness ta' kawża u effett bejn l-att jew ommissjoni lamentati minnu u l-effett li dan kellu fuqu:

> *"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:"*

38. Din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tqis x'danni għandhom jiġu likwidati abbażi ta' dak li jirriżulta mill-provi.

(i) <u>Danni *in linea* ta' *lucrum cessans:*</u>

39. L-espert mediku stabbilixxa rata ta' diżabilità ta' 5% wara li kkonstata li l-attriċi tbati minn:

> *"adjustment disorder with symptoms of emotion, predominantly anger and anxiety in response to the alleged traumatic past and discrimination."*

40. L-Ewwel Qorti qieset li l-attriċi ma ppruvatx biċ-ċert id-danni minnha sofferti, u għalhekk ma setgħetx tillikwida d-danni permezz tal-komputazzjoni matematika li s-soltu jirrikorru għaliha l-Qrati tagħna,

b'kalkolu preċiż fuq formoli żviluppati mill-ġurisprudenza nostrana. Hija *invece* applikat il-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva u illikwidat id-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* bil-mod *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €7,000.

41. L-attriċi fl-appell tagħha ssostni li l-ammont ta' danni *in linea* ta' *lucrum cessans* kellu *invece* jiġi likwidat fl-ammont ta' €27,637.50, *ossia* bil-multiplikazzjoni tas-segwenti figuri:

(i) 5% diżabilità x

(ii) 15 (*multiplier*) x

(iii) €33,500 (l-introjtu annwali medju kif maħdum fuq l-introjtu tal-2011 u tal-2012[3] b'żieda ta' 10%).

42. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx.

43. Mingħajr ma tidħol fil-korrettezza *o meno* ta' tali figuri, basta jingħad li d-diversi abbużi allegati mill-attriċi ma ġewx ippruvati a sodisfazzjon ta' din il-Qorti. F'dan ir-rigward hemm biss dak li xehdet l-attriċi u dak li rrakkontat l-attriċi lill-espert mediku (li huwa ovvjament irriproduċa fir-rapport tiegħu). Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-MUMN jirriżulta li l-attriċi kienet parti minn inkjesta fejn fost affarijiet oħra ġiet investigata l-allegazzjoni tagħha li kien hemm tabib li wadbilha siġġu, li

[3] L-uniċi dokumenti **FS3** li ġew esebiti huma dawk tas-snin 2011 u 2012. Dak tal-2011 juri "*total gross emoluments*" fl-ammmont ta' €35,230.24 u dak tal-2012 juri "*total gross emoluments*" fl-ammont ta' €32,093.95). L-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha tispjega li "*d-differenza hija li kollox hu bbażat fuq overtime u ħinjiet extra li jvarjaw minn sena għal sena".*

però, skont l-istess xhud, ma setgħux jieħdu passi kontrih minħabba li ma kienx hemm terzi preżenti. Mix-xhieda tat-tabib Dr John Attard Kingswell jirriżulta li l-NCPE (*National Commission for the Promotion of Equality*) kienet ħadet xi proċeduri in segwitu għall-allegazzjonijiet tal-attriċi dwar fastidju sesswali, iżda dan ix-xhud stqarr li ma jafx x'kien l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

44. *In oltre* għalkemm l-espert mediku Dr Nigel Camilleri kkonstata li l-attriċi tbati minn "*adjustment disorder*" u li "*she presents as being anxious and angry of the situation*", għal dak li jirrigwarda l-episodji trawmatiċi li hija allegatament għaddiet minnhom jgħid li jista' jkun li dawn verament seħħew, iżda jista' wkoll ikun il-każ li huma "*misinterpretations of true facts*", u anke ssuġġerixxa li jsiru testijiet ulterjuri "*to look into the possibility of a personality disorder*". Fix-xhieda tiegħu ippreċiża li għalkemm ma jistax jgħid li dak allegat mill-attriċi ma seħħx, spjega li meta wieħed jaħseb fit-tul dwar l-istess ħaġa huwa jista' jkabbar l-effett tal-istess, u li meta wieħed jiffissa, l-kontenut tal-istorja tista' tinbidel. L-espert mediku fir-rapport tiegħu aċċenna wkoll għall-intervista li kellu ma' Dr Anthony Dimech, il-psikjatra li jikkura lill-attriċi, fejn dan tal-aħħar kien qallu li ma jistax jikkummenta jekk it-trawmi li għaddiet minnhom l-attriċi humiex reali jew le għalkemm huma "*her perceived reality of what has happened".*

45. Din il-Qorti tosserva wkoll li fost is-sitt "episodji" li l-attriċi indikat lill-espert mediku bħala raġunijiet li wassluha biex tiftaħ din il-kawża kien hemm l-allegazzjoni li l-*overtime* ta' 'l fuq minn elf (1000) siegħa li ħadmet fl-Isptar Monte Carmeli ma setgħetx toħodhom *time off in lieu* meta marret fil-klinika tal-ajruport għat-tieni darba, u l-allegazzjoni li kienet issir diskriminazzjoni magħha fl-għoti tal-*overtime* meta kienet il-klinika tal-ajruport it-tieni darba. Fil-fatt fil-konklużjoni tiegħu l-espert mediku semma li l-attriċi wriet sintomi ta' emozzjoni, senjatament ta' rabja u anzjetà għat-trawmi u d-diskriminazzjoni allegatament sofferti minnha. Iżda hawnhekk ukoll ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward. Dwar l-eżistenza *o meno* tal-elf siegħa *overtime* it-tabib John Attard Kingswell xehed li kien qalilha li ma setax jagħtihomlha "*jekk verament jeżistu*", u li kien issuġġerielha li biex tkellem lill-Isptar Monte Carmeli sabiex iħallsuha ta' kwalsiasi *overtime* li huwa dovut lilha. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin f'dan. Dwar l-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-għoti tal-*overtime* meta reġgħet marret il-klinika tal-ajruport, hemm biss l-allegazzjoni tagħha u x-xhieda tar-rappreżentant tal-MUMN, li sempliċiment irrepeta din l-allegazzjoni tagħha. Għalhekk dawn iż-żewġ "episodji" bl-ebda mod ma jistgħu realment jitqiesu bħala kawża tal-imsemmija sintomi.

46. Fid-dawl ta' dan kollu dak li jirriżulta pruvat biċ-ċert hu li t-trasferimenti li ngħataw lill-attriċi ma kinux mistħoqqa u saru b'nuqqas ta' ħsieb u prudenza, u wkoll b'nuqqas ta' empatija fir-rigward tad-

diffikultajiet familjari tagħha. Anke meta in segwitu għat-trasferiment għall-Isptar Monte Carmeli hija, bil-għajnuna tal-MUMN, spjegat il-każ tagħha, *ossia* li minħabba li għandha tifel b'diżabilità ma kienx prattiku għaliha li l-post tax-xogħol ikun daqshekk il-bogħod mir-residenza tagħha fl-Imqabba, l-konvenuti ma tawx widen, dan anke minkejja li kien anke intervjena l-Ombudsman fir-rigward. U anke meta eventwalment taw widen u ttrasferewha mill-Isptar Monte Carmeli, reġgħu bagħtuha l-klinika tal-ajruport fejn, kif ikkummentat l-Ewwel Qorti, kienet diġà taf li ma riduhiex.

47. Bir-raġun li dan it-taqlib ħoloq rabja u ansjeta` lill-attriċi u ħalla impatt ferm negattiv fuq il-benessere tagħha u għalhekk anke abbażi biss tat-trasferimenti *per se*, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti in kwantu hija illikwidat id-danni *in linea* ta' *lucrum cessans arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €7,000. Għalkemm il-konvenuti fl-appell inċidentali tagħhom jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet għal din iċ-ċifra, l-Ewwel Qorti effettivament spjegat li waslet għal tali ċifra wara li ħadet in kunsiderazzjoni kemm il-każ in diżamina u kif ukoll l-introjtu annwali għas-snin 2011 u 2012. Ovvjament *trattandosi* ta' *arbitrio boni viri* m'hemmx formola matematika kif wieħed jasal għal ċifra; però meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din il-Qorti jidhrilha li s-somma ta' €7,000 hija ekwa u raġonevoli u ma timmeritax ċensura.

(ii) <u>Danni *in linea* ta' *damnum emergens:*</u>

48. L-Ewwel Qorti ma rriżultalhiex li kien hemm danni *in linea* ta' *damnum emergens* x'jiġu likwidati.

49. L-attriċi fl-appell tagħha ssostni li l-ammont ta' danni *in linea* ta' *damnum emergens invece* kellu jiġi likwidat fl-ammont ta' <u>€15,853.50</u>, *ossia* bil-multiplikazzjoni tas-segwenti figuri:

(i) €35,230 (l-introjtu annwali għas-sena 2011) x

(ii) 15 (*multiplier*) x

(iii) 3% (rappreżentanti l-medja tal-għoli tal-ħajja skont l-istatistika tal-NSO).

50. Hawnhekk ukoll din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li l-metodu ta' kif l-attriċi tippretendi li għandhom jiġu kkalkolati dawn l-allegati danni ma jagħmel l-ebda sens, l-attriċi bl-ebda mod ma ppruvat danni "tat-tip *damnum emergens konsegwenza tat-telf tal-qliegħ regolari tagħha*" kif talbet fl-ewwel talba tagħha. Fl-2007 laħqet l-ogħla tarġa tal-iskala tagħha (Scale 11, Step 7) u baqgħet fiha tul it-trasferimenti in kwistjoni[4]. Bħala dokumenti FS3, kif ingħad, ġew ippreżentati biss dawk tas-snin 2011 u 2012 u għalhekk mhux possibbli li jsir tqabbil mal-"*qliegħ regolari*

[4] Ara dokument a fol 92-94

*tagħha*", ċjoè x'kienet effettivament taqla qabel it-trasferimenti. U jekk hemm sigħat tal-*overtime* li allegatament għamlet meta kienet l-Isptar Monte Carmeli li baqgħet ma tħallsitx tagħhom, tali kwistjoni teżorbita mill-parametri ta' din l-azzjoni.

**<u>DECIDE:</u>**

51. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad kemm l-appell prinċipali tal-attriċi kif ukoll l-appell inċidentali tal-konvenuti u konsegwentement qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

52. L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-attriċi filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da